MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Mandat Numru. 1085/2015/1

**SM (Marketing) Ltd (C-41560)**

**VS**

**Ejder Karandol (ID 382909L)**

**Fl-Atti tar-rikors ghal hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni datat 6 ta' Lulju, 2015 fl-ismijiet SM (Marketing) Ltd (C-41560)**

**Vs**

**Ejder Karandor (ID 382909L) iben Ismail u Selves nee Ayva, imwieled Kahraman Maras, Turkija u residenti Msida.**

**Illum 29 ta' Lulju, 2015**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors datat 6 ta' Lulju, 2015 numru 1085/15 fl-ismijiet hawn fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti SM (Marketing) Ltd (C-41560) talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat indikat u dana biex l-istess jinzamm milli ibiegh, inehhi, jitrasferixxi, jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu onoruz jew gratuit xi propjeta u b'mod partikolari l-fond bin-numru ufficjali tmienja u sebghin (78) Triq ix-Xatt, Msida li ghandu l-isem "Sofra Kebab House" minghajr l-arja, u dana n kawtela ta' kreditu fis-somma ta' sittax il elf, seba' mija, wiehed u hamsin euro w sittin centezmu (EURO 16,751.60).

Rat li b'digriet taghha datat 6 ta' Lulju, 2015, din il-Qorti laqghat it-talba ghal hrug ta' tali inibizzjoni provisorjament, ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lil intimat Ejder Karandol li kellu sebat ijiem ghar-risposta, b'dan illi l-istess rikors gie wkoll appuntat ghas-smiegh ghas-16 ta' Lulju, 2015.

Rat li sad-data tas-smiegh premessa l-intimat ma ntavola ebda risposta. Rat li wkoll li meta ssejjah ir-rikors ghas-smiegh, li l'intimat nonostante debitament notifikat baqa ma deherx fis-seduta.

Ikkonsidrat;

Semghet il-Qorti x-xhieda ta’ Mark Bezzina direttur tas-socjeta rikorrenti li xehed dwar id-debitu li l-istess intimat kellu mas-socjeta rikorrenti n kwantu dina kienet tfornih b’merca ta’ lahmijiet u tigieg ghal konsum u bejgh fis-Soffra Kebab House. Xehed li l-intimat Ejder Karandol kellu restaurants Turkish madwar Malta, semma iz-Zejtun, l-Imsida u Paceville u li kien ilu jixtri minghand is-socjeta rikorrenti kif suriferit ghal tul taz-zmien. Zid pero li wiehed minn dawn il-hwienet, dak mertu ta’ l – inibizzjoni mitluba cioe l-fond Soffra Kebab House, 78 Triq ix-Xatt l-Imsida, kien tar-rikorrenti personalment. Xehed li l-intimat kellu mas-socjeta rikorrenti credit terms ta’ disghin (90) jum, pero li kien waqa moruz anke wara varji nterpellanzjonijiet. Spjega li dana l-intimat gie varji drabi interpellat ghal hlas pero baqa inadempjenti. Esebixxa statements ta’ dak allegatament dovut lil kumpanija rikorrenti mill-intimat bl-interessi relattivi, b’dan li minn hawn jidher li hemm ammonti dovuti sa mis-sena 2010. Xehed dana d-direttur illi kellu biza li l-intimat jitrasferixxi l-fond li fuqu qed jigi mitlub il-mandat provisorju bil-konsegwenza illi huwa jispicca qatt ma jista jigbor il-flus dovuti.

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet fejn ukoll gie spjegat lilha li fil-fatt kien jirrizulta anke minn ricerki li saru illi l-istess intimat ma kellu ebda propjeta ohra hlief dik mertu tal-mandat in ezami u li jekk kien se jigi permess ili jbiegh tali propjeta, r-rikorrenti kien se jsib diffikulta ta’ esekuzzjoni darba kanonizzat il-kreditu tieghu.

Rat ghalhekk l-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat;

Harsa lejn dan l-artikolu in ezami juri b’mod car illi l-istess huwa ntiz biex jipprotegi kull persuna kontra azzjoni ta’ terz, kreditur f’ dan il-kaz, li bih din tista tigi b’xi mod pregiudikata b’mod immedjat. Id-drittijiet tar-rikorrenti iridu skont id-dicitura ta’ l-artikolu in ezami jirrizultaw almenu sal grad tal-prima facie, f’dan l-istadju, ezami oltre hekk cioe ezami aktar profound jikkaguna lil din il- Qorti tuzurpa l-funzjoni ta’ Qorti li aktar tard se tkun hi adita bil-kawza

propju dwar il-vertenza n kwistjoni. Huwa mandat kawtelatorju li bhal ohrajn ta’ l-istess natura jista jigi akkordat biss sodisfatti kriterji stabilit mill-ligi, ghax ghalkemm intiz ghal protezzjoni kif imsemmi mhux pero intiz biex jigi uzat ta’ arma, ta’ rikatt, b’mod frivolu jew vessatorju. Dan insibuh rifless gia f’varji digrieti ta’ l istess natura pronunzzjati mill-Qrati taghna.

Il-Qorti hawn in ezami ta’ l-artikolu suriferit se taghmel ampja referenza ghal decizjoni ta’ din il-Qorti diversament preseduta fl-Atti tal-mandat ta’ Inibizzjoni bin-numru 393/2012/1 JZM fl-ismijiet **Matthew Caruana (I.D.No 398983M) vs Joseph Zahra (I.D. No 545075M**, li tispjega b’mod car ir-rekwizti ta’ dan l-artikolu n ezami u l-konsegwenti hrug o meno tal-mandat mitlub.

Skond l-**Art.873(1) tal-Kap.12 :**–

*“L-iskop tal-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-*persuna li qed titlob il-*mandat” .*

Skond l-**Art.873(2) tal-Kap.12:** –

*“Il-Qorti* ***m’ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent ‘prima facie’ jidher li ghandu dawk il-jeddijiet”.* Ghalhekk ir-rikorrent jehtieg li juri **zewg hwejjeg** biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ dan il-Mandat **Fl-ewwel lok**, irid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet li qed jippretendi.

**Fit-tieni lok**, irid ikun jidher almenu mad-daqqa t`ghajn *(prima facie*) illi ghandu dawk il-jeddijiet.

Dwar ir-rekwizit li “r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet”, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta’ Lulju 1988 fil-kawza ***Grech pro et noe vs Manfre`*** qalet hekk –

*"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv,ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat".* Minn kliem il-ligi stess fl-Art.873(1) u (2) tal-Kap.12,huwa evidenti illi **z-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi**. Ghalhekk jekk xi wiehed miz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta' l-mandat.

Tajjeb jinghad illi l-procedura hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti dak li jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa **mezz procedurali eccezzjonali** ta' provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, **il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli**. Dan ma jfissirx li l fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa',ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bhalma lanqas ifisser illi l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. L-accertament li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghemil li minnu qieghedjibza' r-rikorrent, jistax jintilef **darba ghal dejjem** jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu fil-waqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat."

Dwar ir-rekwizit tal-*hsara rrimedjabbi*, din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef fir-Rikors Nru.1935/09 fl-ismijiet ***Ohanebo et noe vs Il Kummissarju tal-Pulizija*** dekretat fil-18 ta' Dicembru 2009 qalet hekk: –

*"Tqis li l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor**. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat**."*

**Ikkonsidrat**

IIli kif gia premess il-Qorti semghet biss ix-xhieda tad-direttur tas-socjeta rikorrenti li wera l-preokkupazzjoni tieghu lejn l-gbir tal-kreditu dovut mill-intimat, kreditu li jidher mid-dokumenti esebiti li in parte ilu hafna hekk dovut.

Illi bla dubbju t-talba ghal hrug ta' dan il-mandat kawtelatorju hija ntiza ghal harsien ta' jedd ta' esekuzzjoni futura. Is-socjeta rikorrenti fil-fehma ta' din il-Qorti wriet bla dubju li hija kellha jedd, wiehed ta' kreditu, kontra l-intimat. Jirrizulta, almenu biss fuq bazi ta' prima facie, u dan anke minn dak li l-Avukat tas-socjeta qal waqt l-istess smiegh tar-rikors, dan kif ikkonfermat mid-direttur Mark Bezzina, illi l-hrug ta' dan il-mandat kien mehtieg biex jigu kkawtelati l-jeddijiet tas-socjeta rikorrenti, in vista li l-intimat ma kellu ebda propjeta ohra fuq ismu. Qieset ukoll din il-Qorti illi l-intimat xejn ma wera interess biex b'xi mod jesponi quddiemha l-fehmiet tieghu dwar it-talba in ezami. Oltre hekk invista tal-fatt li hu jibqa barrani, jista facilment x'hin irid jitlaq minn pajjizna, b'dan li jikkrea pregudizzju gravi lil imputat.

Ghaldaqstant maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, qeghda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tqis illi r-rikorrenti prova t-talbiet tieghu skont il-ligi sal-livell ta' prima facie, u konsegwentement takkolji t-talba kif dedotta ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fuq il-propjeta "Soffra Kebab House" 78, Triq ix-Xatt, Msida, u b'hekk qed tvarja d-digriet taghha datat 6 ta' Lulju, 2015, fejn laqghat il-mandat provisorjament, biex b'hekk issa dan il-mandat ghandu jitqies li gie milqugh b'mod permanenti.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-intimat.

INOLTRE tordna ukoll ill ai terminus ta' l-artikolu 874 (3) illi dana l–mandat jigi bi spejjez a karigu tar-rikorrenti, notifikat fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta' l-Artijiet. Ghal Dan l-iskop qeghda tinnomina lin-Nutar Pubbliku Not. Dr. Marco Buttigieg LL.D.

Miriam Hayman

Imhallef

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------